# AVVIŻI

1. Il-Laqgħat li jmiss:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' April 2001 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Mejju 2001 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Ġunju 2001 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Lulju 2001 fis-6.30p.m.

   Il-laqgħa tas-6 ta' Mejju li taħbat f'għeluq il-15-il sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinagg minn tarf it-triq il-qadima. Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siggiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.elanguest.com/girgenti/

6. Fl-aħħarnett navżawkom li l-Kumitat qiegħed jibgħat avviżi dwar il-laqgħat li jsiru l-Girgenti lill-gazzetti lokali kollha, kemm dawk ippubblikati bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 46 APRIL 2001 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Ġuża Mifsud flimkien ma' Dun Danjel Farrugia*

Nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001 tħabbret il-mewt ta' Dun Danjel Farrugia, saċerdot mis-Siġġiewi li għin ħafna lil Ġuża Mifsud fil-missjoni tagħha.

Ta' min jgħid li Dun Danjel kien is-saċerdot li fit-2 ta' Ġunju 1988 kien qiegħed iqaddes quddiesa d-dar ta' Ġuża u meta kien qed jissoleva l-Ostja waqt il-Konsagrazzjoni, Ġuża rat f'dik l-Ostja viżjoni ta' Ġesu jbati. Ġuża tgħid li dakinhar Ġesu kien ħeġġiġha biex ixxerred devozzjoni lejH fl-Ewkaristija.

Il-funeral ta' Dun Danjel sar l-Erbgħa, 10 ta' Jannar 2001, u għalih attendew l-ogħla awtoritajiet tal-Knisja Maltija.

Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqu, jistrieħ fil-paċi, amen.

# IL-LAQGĦA TA' DIĊEMBRU 2000

Għal din il-laqgħa li saret bi tħejjija għal-festa tal-Milied kien mistieden il-kor tat-tfal "Cantores Sancti Juliani". Huma kantaw diversi innijiet marjani u tal-Milied fosthom il-Magnifikat, Blessed Woman, Salve Regina, Adeste Fideles, eċċ.

Barra s-solitu ċerimonja tal-qanpiena u silta mid-diskorsi ta' Ġuża, il-ġemgħa ġiet indirizzata minn Bro. Hayden Williams. Kien diskors li laqat lil dawk kollha miġbura u għalhekk għall-benefiċċju ta' dawk li ma kinux preżenti ser jiġu pubblikati siltiet mill-messaġġ li wassal Bro. Hayden.

"Illum ser naqsam ftit ħsibijiet magħkom dwar il-Madonna u l-Ewkaristija. Xtaqt nibda billi nirriflettu ftit fuq dak li ser niċċelebraw minn hawn u ftit jiem oħra fil-ġurnata tal-Milied, li joħodna lura fil-25 ta' Marzu ta' kull sena meta Gabrijel deher lil Marija biex iħabbrilha li kellha tkun Omm Alla, billi tnissel ġewwa fiha lil Ġesu. U proprju dan kien possibbli li jsir f'Marija għax kif qalilha Gabrijel, "L-Ispirtu s-Santu jinżel fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli tgħattik u tixħet id-dell tagħha fuqek."

Huwa proprju dan li jiġri f'kull quddiesa meta aħna niċċelebraw l-Ewkaristija, li l-Ispirtu s-Santu jerġa' jinżel fil-ġemgħa fil-knisja miġbura, jinżel fil-ħobż u l-inbid u l-kliem tas-saċerdot u jibdel dak il-ħobż u l-inbid fil-preżenza vera u rejali ta' Ġesu Kristu. Dawk minnkom li kienu jiġu hawnhekk għal-laqgħat ta' Ġuża jiftakru kif Ġuża meta kienet titkellem dwar Ġesu dejjem kienet tgħid "ta' l-Ewkaristija". U hemmhekk toħroġ din il-verità u din ir-rejalta li Ġesu baqa' magħna llum preżenti u qiegħed fl-Ewkaristija Mqaddsa. Ta' spiss toħroġ il-karba Tiegħu, "Ejjew għandi."

Ħuti nixtieqkom tagħrfu li llum il-Mulej... irid jiġbed il-bnedmin kollha lejH. Huwa qalilna, "Meta jiena nkun merfugħ 'il fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja." U Ġesu kien merfugħ mill-art fuq is-salib elfejn sena ilu fuq il-Golgota, fuq il-Kalvarju... U proprju llum irid ikompli jiġbed il-bnedmin kollha lejH, proprju permezz ta' l-Ewkaristija.

Il-Mulej dejjem jistedinna biex nersqu lejH fit-tqarbin imqaddes u proprju kif il-Madonna irċeviet fi ħdanha lill-Bambin Ġesu u ħalliet lil Ġesu imexxiha u jiggwidaha fil-ħajja tagħha, hekk ukoll Marija llum qed issejħilna biex nersqu aktar dejjem qrib lejn Binha Ġesu sabiex nirċevuh.

Ġesu baqa' magħna biex isir ħaġa waħda magħna, imma mhux biss, hu jrid illi jibdilna fih, li isir il-ħajja tagħna. Hemm differenza kbira ħuti bejn Ġesu li jkun f'ħajjitna u bejn Ġesu li jsir il-ħajja tagħna... Aħna nemmnu li Ġesu qiegħed hemm, pero mhux qed isir il-ħajja tagħna għaliex m'aħniex qed nirċevuh, m'aħniex nagħmluha miegħu, n'aħniex qegħdin insiru nafuh...

Ħuti l-Mulej fl-Ewkaristija jagħmel magħna ħwejjeġ kbar... imma jekk irridu nkomplu nikbru f'din l-intimità miegħu jinħtieġ li nersqu lejh u nadurawh, jinħtieġ li nsibu ħinijiet ta' kuljum u ninżlu għarkubbtejna quddiemu u naduraw lilu. Il-Papa f'din is-sena jgħidilna li l-Madonna tqiegħed ta' kuljum lil Ġesu f'maxtura ġdida bħalma qegħditu f'Betlem, tqegħdu fil-maxtura li hija l-Knisja sabiex il-poplu t'Alla jista' jmur jadura din it-tarbija ta' Betlem fl-Ewkaristija...

Il-Mulej fl-Ewkaristija lest li jagħmel magħna ħwejjeġ kbar. Ħafna drabi aħna niġru wara ħafna nies, wara ħafna affarijiet imma ma mmorrux warajh. Qiegħed hemm erbgħa u għoxrin siegħa jistenna lilek ta' kuljum biex tmur lejh tirċevih u tadurah. Il-Mulej lest li jħobbok, lest li jgħannqek miegħu int min int, għamilt x'għamilt u kont x'kont fil-ħajja tiegħek, Ġesu qiegħed hemm għalik daqskemm qiegħed hemm għall-qaddisin, qiegħed hemm għalik daqskemm qiegħed hemm għal Ommna Marija, qiegħed hemm għalik daqskemm qiegħed hemm għas-saċerdoti u għar-reliġjużi, qiegħed hemm għaliex ħabbek, għaliex salvak u għax iridek.

Il-qawwa tiegħu hija qawwa ta' l-għaġeb. Darba minnhom niftakar kont qed immexxi adorazzjoni u niftakar kienet ġiet waħda mara biex waqt din l-adorazzjoni nitolbu għar-raġel tagħha li kellu vina miżduda. Waqt li qed nitolbu għar-raġel tagħha, fil-qalb tiegħi stajt nagħraf li Ġesu aktar milli lil żewġha ried ifejjaq lilha. Niftakar għidtilha, "Inti marida b'xi ħaġa? U kienet qegħda hekk, jiena ħsiebtha qegħda titlob, però fil-verità kienet li kellha jdejha paralizzata. Waqt li konna qed nitolbu flimkien minn ġos-sagrament toħroġ qawwa tremenda għal fuqha u dak il-ħin tinħallilha idejha. Dawn huma veritajiet li Ġesu għadu jagħmel. Jekk induru mad-dinja kollha naraw dak li Alla qed jagħmel fil-preżenza tiegħu Ewkaristika, kif qed jiġbed lil ħafna nies għalih. Ejja ma nibqgħux lura, ejja l-qalb tagħna ma tkunx kiesħa, ejja ma jkunx jgħodd għalina l-kliem tal-vanġelu, "Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx." Ejjew ma jkunx jgħodd għalina l-kliem tal-vanġelu li ser naqraw fit-twelid ta' Kristu, "Ma kienx hemm post għalih fil-lukandi u għalhekk kellu jitwieled fil-għar."

Ejjew il-qalb tagħna tkun verament il-qalb ta' Marija li tilqa' ta' kuljum lil Ġesù. Ħuti u ma nistgħux nersqu lejn iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, ma nistgħux nersqu lejn Ġesu fl-Ewkaristija biex nadurawh jekk Ġesu ma jiġix fl-Ewkaristija permezz tas-saċerdoti tiegħu. Marija hija omm is-saċerdoti, Marija hija omm l-Ewkaristija u San Franġisk ta' Assisi meta jirrifletti fuq l-Ewkaristija jgħidilna li huma s-saċerdoti li jorbtuna ma' l-Ewkaristija...

U l-appell tiegħi ħuti llum, ejjew inħobbu lis-saċerdoti bil-qalb ta' Kristu. M'iniex ngħid li ma jiżbaljawx, m'iniex ngħid li m'hemmx dnub. San Franġisk ammettieh dan, imma jgħidilna, "Ejjew ma nħarsux lejn id-dnub tagħhom. Ejjew inħarsu lejn Ġesu fihom, ejjew inħobbuhom, ejjew nitolbu għalihom... Kunu intom ommijiet tas-saċerdoti, kunu intom missirijiet tas-saċerdoti b'mod sempliċi ħafna. Itolbu lil Ġesu jurikom saċerdot fil-ħajja tagħkom li intom taddottawh spiritwalment, fejn tistgħu titolbu għalih, fejn tistgħu toffru t-tbatija tagħkom għalih. Ħuti jekk ikollna saċerodoti qaddisa ikollna poplu qaddis, jekk ikollna saċerdoti qaddisa ikollna knisja li hi qaddisa, jekk ikollna saċerdoti safja jkollna knisja li hi safja u sabiħa għaliex skond ir-ragħaj hija l-merħla. Itolbu għalihom u daħħluhom fil-qalb tagħkom primarjament għaliex diġa huma fil-qalb ta' Marija u ġja huma fil-qalb ta' Ġesu. Huma huma li jgħidulna dan il-kliem, "Dan huwa ġismi li jingħata għalikom" u aħna wkoll flimkien magħhom il-ħajja tagħna trid issir kompletament għotja tagħna, kif Ġesu jingħata ta' kuljum lilna hekk ukoll aħna rridu

ninghataw ta' kuljum lil dawk kollha li l-Mulej ilaqqaghna maghhom.

Aħna wkoll irridu ngħidu, "Dan huwa ġismi li ingħata għalikom". Huti kif Ġesu isir ikel għalina aħna jinħtieġ li nsiru ikel għall-oħrajn... Jalla aħna nistgħu ngħidu ma San Pawl, mhux jien ngħix imma Kristu jgħix fija u l-ħajja li ngħix ngħixha bil-fidi f'Ġesu Kristu li salvani u li ta ħajtu għalija...

Ngħixu f'dinja fejn hawn ħafna tbatija, ħafna tbatija mhux għax Alla jridha imma ħafna tbatija għaliex inġibuha b'idejna minħabba s-suppervja tagħna, minħabba l-egoiżmu tagħna, minħabba l-kilba tal-poter li hemm ġewwa fina, minħabba li aħna rridu nkunu fuq l-oħrajn. Imma l-Mulej fl-Ewkaristija jurina bil-maqlub... Jekk għandkom il-*guts* u tkunu ċkejknin ibqgħu ċerti li tkunu strumenti sbieħ f'idejn Ġesu u f'idejn il-Madonna.

Ħarsu lejn l-istorja tal-Knisja, il-Mulej ħafna drabi biex iġib it-tiġdid fil-knisja jinqeda b'nies sempliċi, nies umli, għaliex ta' kuljum huwa jiġi għandna b'mod tant sempliċi, b'mod tant umli. Ġuża kienet ħafna mara sempliċi, il-Mulej għalhekk użaha, Santa Bernardetta kienet mara tant sempliċi, ir-rgħajja ta' La Salette, ir-rgħajja ta' Fatima kienu tant sempliċi. Meta nkunu ċkejknin il-Mulej jista' jużana. Intom l-Id illi Alla jrid juża biex ikompli jfejjaq lill-poplu tiegħu, intom il-qalb illi Ġesu jrid jibqa' jħabbat fiha u li jrid iħobb permezz tagħha. Intom ir-riġlejn li permezz tagħhom Ġesu irid jerġa jimxi ixandar il-vanġelu, l-aħbar it-tajba... irid il-maħfra lill-midneb u l-fejqan lill-marid u lill-midrub u lill-batut. Ejjew aħna ma ningħalqux, imma nħallu l-qalb tagħna tkun miftuħa beraħ għal dak li Alla jrid jagħmel bina u permezz tagħna. Ġesu kontinwament jokrob, jokrob għal-konverżjoni tal-midinbin u li għalihom intom tant titolbu hawn. Żommu fil-qalb tagħkom din it-talba, l-ewwel ħaġa għaliex meta titolbu għall-midinbin titolbu għalikom, titolbu għalija, jiġifieri li jaqbel li nitolbu għall-konverżjoni tal-midinbin għaliex nitolbu għalina. U t-tieni ħaġa għaliex Ġesu kif jgħid San Luqa, "Jiena ġejt infittex lill-midneb, ġejt biex infittex u nsalva l-midneb." Hekk jispiċċa ir-rakkont ta' Żakkew meta Ġesu għajjatlu u l-oħrajn skandalizzaw għaliex Ġesu mar għand wieħed midneb...

Ommna Marija tatna rigal kbir li huwa binha Ġesu... Huti inħeġġiġkom biex tgħidu t-talba tar-rużarju... Il-Madonna għaliex hija ommna tiegħu ħsieb tagħna spiritwalment pero anka fl-affarijiet bżonnjużi fil-ħajja tagħna. Hija omm li tiegħu ħsiebna, hija omm li xxerred ħafna grazzji, b'mod speċjali jekk nitolbu lill-qalb tagħha u nitolbu għall-konverżjoni ta'ruħna għaliex għalhekk ġie Ġesu... Ikun imfaħħar Ġesu Kristu.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*



# LANQAS LILL-AGĦAR BNIEDEM...

Waqt il-laqgħa ta' April 1989 Ġuża qalet, "Imbagħad dħalt għal dik il-ġurnata terribbli li kien ħa jgħaddi minnha Kristu. Rigward il-lejl ngħidilkom li kien terribbli għal Ġesu li rajtu hiereġ mingħand Pilatu b'saqajh kollha dmija. Mat-tarag immarka d-dmija hu u nieżel...

Dana tara bniedem qegħdin isawtuh, qegħdin jagħtuh bil-ponn, ma ngħidilkomx kemm sofriet qalbi dak il-ħin... Rajtu direttament... mhux fuq karta pesta, mhux fuq statwa, mhux pinġut fuq ġebla... Persuna divina ġejja mis-sema, persuna li batiet ħafna, persuna li ma kinitx tiflaħ għal dik it-tbatija li kieku ma kinitx il-veru Iben t'Alla...

Ġesu qalli, "Illum il-Ġimgħa l-Kbira, kulħadd wara l-istatwa ta' Kristu qed ibati... Bħallum tmint ijiem kienet id-Duluri, kulħadd jimxi wara l-istatwa ta' Ommi Addolorata, ħaġa sabiħa ħafna, imma taħsibx li dawk in-nies li kienu qegħdin jiġru wara l-vara tad-Duluri kienu kollha ġenwini... Kien hemm ħafna minnhom illi waqt il-pellegrinaġġ... kienu qegħdin jaħsbu lil min ħa jagħmlu ħsara, lil min ħa jinkwetaw... M'hawnx ħlief mibegħda, nkwiet u ġlied.

L-aktar li sogħbieni Jiena... illi tant għamilt ġid lil ħuti, tant qajjimtilhom mejtin, tant fejjaqtilhom morda u huma biex ħallsuni? Ħallsuni bil-kuruna tax-xewk... bis-swat. Dalwaqt tara viżjoni oħra li ħa tbikkik."

U veru bikkietni din il-viżjoni... Meta wasal il-ħin qalulu, "Stabat fuq is-salib ħalli nibdew nagħtuk bl-imrietel fuq idejk u fuq saqajk"... L-aktar li bata Ġesù fuq idu x-xellugija li refa' s-salib u fuq riġlu l-leminija li refgħet il-piż. Imbagħad bdew jinqatgħu il-vini minnu..."

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża Mifsud fl-1987 hija qalet li Ġesu qalilha, "It-twelid u l-ħajja li għext jiena sa tlieta u tletin sena kienu ħafna iebsin, imma l-akbar għebbusija li kelli kienet mingħand Pilatu sal-Kalvarju, sa meta ġejt inkurunat bix-xewk u msallab. Il-bniedem li tant għamilt ġid miegħu ħallasni b'ħafna affarijiet ħżiena. Lanqas l-agħar bniedem li ġie fid-dinja ma kellu din il-moħqrija fuqu, imma jiena dan għamiltu għaliex dan kien minn Missieri li Jiena għandi nbati u nsofri."

Kif qalet Ġuża fil-laqgħa tas-17 ta' Marzu 1996, "Nirriflettu fuq it-tbatija li bata Ġesu u ngħidulu: Ġesu nirringrazzjawk ta' kollox. Nadurawk, O Ġesu u mberkuk għaliex b'dak is-salib, b'dawk l-imsiemer, b'dik il-kuruna tax-xewk għoġbok illi Inti tifdi lil kull maħluq illi ġie fid-dinja s'issa u għad irid jiġi."

# GRAZZJI MAQLUGHA

**Mrs. Carmen Fenech minn Birkirkara irrakkuntat dan li ġej lil Bro. Victor Privitera:**

Erba' snin ilu, meta kienet mietet Ġuża Mifsud, Carmen marret tara lil Ġuża mejta fil-kappella fejn kienet esposta, u missitilha l-kuruna tagħha ma' Ġuża u talbitha għal bintha Margaret li ftit ġranet qabel kienet marret għand il-Professur Zammit għall-eżami ta' għonqha.

It-tabib sabilha kancer f'għonqha u għamlilha appuntament biex joperaha l-isptar wara xi xahar. Carmen għalhekk, libset il-kuruna li kienet misset ma' Ġuża lil bintha. Wara l-operazzjoni li saret fit-22 ta' Novembru 1996, it-tabib qalilha li l-kancer kien għadu fil-bidu u ma kienx inxtered.

Margaret baqgħet devota ħafna tal-Madonna.

Fit-28 ta' Lulju, bint Carmen li jisimha Marija Assunta, bil-lejl qabadha uġigħ kbir ġo żaqqha. Hi bdiet tgħajjat bl-uġigħ u ħasbet li kienet sejra tmut. Ommha tatha ftit ilma tal-Girgenti u qaltilha biex torqod. Bintha hekk għamlet.

Filgħodu kmieni, Carmen marret għax-xogħol u meta ġiet lura f'nofsinhar, bintha qaltilha li kienet qamet fis-7.00a.m. u marret it-toilet u neħħiet biċċa ġilda twila daqs sebgħa. L-uġigħ kien mar għal kollox.

Michael, bin Carmen, għandu tifel jismu Matthew. Dan għandu seba' snin u sa minn ċkunitu kien dejjem jagħmel pipi fis-sodda bil-lejl. In-nanna tiegħu, Carmen, tatu jixrob ilma tal-Girgenti.

Kull meta xorob l-ilma, ma għamilx pipi. Illum, fieq għal kollox.

Margaret, il-mara ta' Michael marret għand il-Professur Zammit għall-eżami ta' sidirha. Il-Professur sabilha boċċa f'sidirha.

Bagħatha l-isptar fejn b'siringa ġibdilha dik il-boċċa u qalilha li ma kien hemm xejn milli kien jaħseb li seta' jkun hemm.

Ta' dan kollu Carmen tirringrazzja lill-Madonna u anka lil Ġuża Mifsud.

**– Giovanna Grixti minn Ħal Tarxien kitbet hekk:**

Nirringrazzja lil Alla l-Imbierek, lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-interċessjoni tar-ruħ twajba ta' Ġuża Mifsud. Fit-3 ta' Novembru 2000 għamilt l-operazzjoni tal-*hip joint* u mexa kollox sewwa. Nirringrazzja lill-Madonna li kienet il-ħin kollu miegħi u ħadet ħsiebi bħal binha Ġesu. Grazzi Marija Santissima.



**– Rapport ta' Claudette:**

Nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna tal-Girgenti ta' l-għajnuna li tawni f'mument diffiċli f'ħajti. Wara erba' snin Universita sfajt bla xogħol. Inkwetajt ħafna u bdejt naqta' qalbi. Tlabt minn qalbi lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud u fi żmien jumejn qlajt grazzja kbira. Illum qegħda naħdem bħala għalliema fi skola sekondarja u nitlob lill-Madonna biex tgħinni fix-xogħol tiegħi.

Madonna, grazzi ta' kull ma għamilt miegħi. Nitolbok għin lil min jinsab fis-sitwazzjoni li kont jien. Tkun imbierka u mfaħħra l-Qalb Immakolata ta' Marija, issa u dejjem.

**– Y. Vella mill-Qrendi tirrapporta dan li ġej:**

Qegħda nikteb biex pubblikament nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud qlajt din il-grazzja.

Jiena għandi ommi kultant taqbadha l-gotta. Xi sentejn u nofs ilu, filgħaxija, qabditha sieqha tuġagħha tant li ma setgħetx timxi. Bdiet timxi zzappap ħafna. Tant kienet tuġagħha bl-ikraħ li marret għand it-tabib. Sabilha rkubbtejha fjammata u minfuħa u qalilha li jekk sa filgħodu ma tbattix għandha tmur l-isptar. Qatt qabel ma kien semmielha l-isptar meta ġieli qabditha.

Jiena għidt lil ommi li ser immur inġibilha l-ilma mill-Girgenti għaliex il-Madonna kienet qalet lil Ġuża li l-ilma li joħrog minn dik il-għajn ikun imbierek. Ġibt l-ilma u għidt lil ommi tgħid tliet Ave Marijiet waqt li ħaslet irkubbtejha. Imbierek Alla, sa filgħodu qalbet ħafna għall-aħjar. Fieqet għal kollox u bdiet timxi normali. Glorja lill-Mulej.

**– Fil-laqgħa ta' Frar 2001, Maria Tedesco qrat din il-grazzja:**

Jiena Maria Tedesco nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil Alla illi bl-interċessjoni ta' Maria Santissima ħarisni minn disgrazzja ferm akbar minn dik li laqtitni.

Tliet xhur ilu, sewwa sew fil-5 ta' Novembru tas-sena l-oħra kont ippreparata biex bħas-soltu nattendi għal-laqgħa ta' kull l-ewwel Ħadd tax-xahar. Dak inhar ma kellix grazzja li nattendi għax sibt ruħi l-isptar nilgħaba mal-mewt. Fil għodu kont waqajt għal rasi mill-gallerija għal isfel.

Ġejt operata f'rasi fejn tneħħa demm li kien inġemagħli f'moħħi. L-ispeċjalista li operatni ma kinitx taf x'ser jirriżulta. Madwar ħames membri tal-familja u ħbieb damu sad-disgħa ta' filgħaxija jistennew aħbari.

Alla ried li neħlisha. Kont f'xifer il-mewt. Stajt mitt. Stajt kelli *brain damage* u sirt qisni kaboċċa. Stajt weġġajt dahri u ntfajt f'*wheelchair* jew ġo sodda għal għomri. Ġara kif qaltli persuna li jgħamel laqgħat ta' talb u *healing service,* Edward Spiteri, li b'kumbinazzjoni nzerta kien l-isptar xi tlett ijiem wara - Il-Madonna ġiet hi issalvani minn disgrazzja kbira, flok jiena ġejt hawn biex inżurha.

Illum nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna għaliex ninsab ġejja ħafna għall-aħjar u kif wegħedtha ġejt hawn fuq biex inxandar din il-grazzja. Grazzi Mulej, grazzi Madonna.